Vol 35
Nru 185
Lulju - Settembru 2014

# L-ART Imqaddsa

RIVISTA BIBLIKA



L-ART IMQADDSA

Rivista Biblika
li toħroġ kull tliet xhur
mill-Kummissarjat tal-Art
Imqaddsa tal-Provinċja
Franġiskana Maltija

EDITUR:
P. Twanny Chircop OFM
Kummissarju
tal-Art Imqaddsa

BORD EDITORJAL:
P. Marcello Ghirlando OFM
P. Noel Muscat OFM
Mr. Louis Casha

DISTRIBUZZJONI:
Fra. Lorrie Zerafa OFM

ABBONAMENT:
€10 fis-sena
€15 jew aktar Sostenitur

Kummissarjat
tal-Art Imqaddsa
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1213
Malta.
Tel: 2124 2254

DISINN U STAMPAR:
Best Print Co. Ltd

Il-Materjal kollu li jidher
f'din ir-Rivista
huwa Copyright ©
tal-Kummissarjat tal-Art
Imqaddsa u l-Edizzjoni
TAU, 2014

comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt

Qoxra Quddiem:
*Paoluccio Trinci*

# Werrej



6



14



19




6 Il-Papiet jiddefendu l-Franġiskani fl-Art Imqaddsa fis-Seklu 15

14 Il-Kult Antik lejn il-Kbir u l-Ġust Appostlu San Bartilmew

19 L-Ispirtu s-Santu fil-Mewt Sagrifikali ta' Kristu (Lhud 9, 13-14)

24 Ir-Referenzi Bibliċi fl-Enċiklika "Lumen Fidei" (4)

35 Khan Al-Ahmar – Il-Monasteru ta' Sant'Ewtimju




# Editorjal

ta' Patri Twanny Chircop ofm



## It-Tielet Intifada?

Il-ġrajjiet ta' Ġunju li għadda f'Iżrael u l-Palestina ħallew lil kulħadd b'togħma qarsa. F'żewġ okkażjonijiet assistejna għal atti barbari ta' vjolenza u terroriżmu fuq tfal u żgħażagħ minorenni. Tliet żgħażagħ Iżraeljani nħatfu minn persuni li Iżrael jgħid li kienu terroristi Palestinjani miż-żona ta' Ħebron, u nstabu mejtin wara ġimagħtejn li fihom l-*Israeli Defence Forces* aġixxew b'mod deċiżiv u xi minn daqqiet krudili billi arrestaw mijiet ta' militanti Palestinjani u invadew djar privati bla ebda kontroll. Wara n-niket tal-funeral tat-tliet żgħażagħ ġiet mill-ewwel it-tweġiba ta' terrur li jnissel terrur. Din id-darba tifel Palestinjan fiż-żona ta' Ġerusalemm inħataf minn grupp ta' *settlers* Lhud u nstab mejjet, maħruq ħaj, f'bosk barra Ġerusalemm fix-xaqliba ta' Ain Karem.

Ir-reazzjoni tal-komunità internazzjonali kienet waħda ta' xokk, u dik lokali sfortunatament bdiet tiddeġenera f'rewwixti ta' Palestinjani kontra l-okkupazzjoni Iżraeljana li konna ilna ma naraw bħalhom għal dawn l-aħħar għaxar snin. Ħafna bdew jistaqsu jekk wasalniex għal Intifada oħra, it-Tielet Intifada. Min-naħa tal-kapijiet politiċi donnu li kien hemm sforz biex jikkalmaw is-sitwazzjoni. Il-mexxej Palestinjan Mahmoud Abbas ikkundanna l-ħtif u l-qtil taż-żgħażagħ Iżraeljani bħala att terroristiku li xejn ma jawgura għall-kawża tal-paċi u għall-isforz ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partiti Fatah u Ħamas fil-Palestina li issa ffurmaw gvern ta' għaqda nazzjonali. Il-prim ministru

*...editorjal*

# *It-Tielet Intifada?*





Iżraeljan Binyamin Netanyahu ikkundanna l-qtil tat-tifel Palestinjan u l-vjolenza ta' terrur, tiġi minn fejn tiġi, u wiegħed li s-*settlers* Iżraeljani, li wettqu dan l-att kriminali jinġiebu quddiem il-ġustizzja.

Wara dawn il-fatti kollha wieħed jilmaħ bħal sens ta' biża' quddiem il-possibilità li s-sitwazzjoni politika f'Iżrael u l-Palestina taħrab minn taħt kull kontroll. Il-fatt li tista' terġa' tqum Intifada oħra forsi mhux dejjem jinkwieta l-imħuħ, billi llum is-sigurtà ta' Iżrael hi garantita mill-ħajt ta' separazzjoni li jagħlaq lill-Palestinjani f'ħabs b'sema miftuħ fuq rashom. Dak li hu tassew inkwetanti hu li, matul aktar minn nofs seklu, tnisslet mentalità ta' mibegħda bejn l-Iżraeljani u l-Palestinjani li mhux faċli li wieħed isib rimedju għaliha. L-iżball tattiku tal-mexxejja politiċi miż-żewġ naħat kien wieħed serju. Huma ma kinux kapaċi jikkontrollaw elementi estremisti li nibtu u żviluppaw fi ħdan is-soċjetà Iżraeljana u Palestinjana b'detriment għall-proċess ta' paċi.

Min-naħa tal-Palestinjani nafu li l-moviment ta' reżistenza leġittima għall-okkupazzjoni militari Iżraeljana tax-Xatt tal-Punent u ta' Gaża kien wieħed militanti sa mill-bidu nett, u għamel użu minn atti terroristiċi koroh. Għalkemm twieldet klassi ta' mexxejja aktar moderati lejn tmiem is-snin tal-gvern ta' Yassir Arafat u l-aktar bil-gvernijiet immexxija minn Mahmoud Abbas, l-elementi estremisti, fosthom Ħamas, baqgħu joħolqu sitwazzjoni mwiegħra, l-aktar billi ċaħdu d-dritt ta' Iżrael li jeżisti bħala stat sovran u żgur fil-fruntieri li jiġu rrikonoxxuti lilu mill-komunità internazzjonali.

Min-naħa ta' Iżrael l-istrateġija ta' okkupazzjoni u bini ta' insedjamenti fit-territorji Palestinjani kienet ta' detriment ikrah għall-proċess ta' paċi. Iżrael estenda t-territorju tiegħu a skapitu tal-Palestinjani b'tali mod li hu kważi impossibbli llum li wieħed jimmaġina Stat Palestinjan li jkun kontinwu, stabbli u żgur. Mhux biss, imma l-Iżraeljani li daħlu jgħixu fl-insedjamenti, almenu f'ċertu perċentwal

minnhom, huma *settlers* militanti, li jridu jeqirdu lill-Palestinjani u saħansitra jkeċċu barra minn Iżrael il-barranin kollha.

Ta' min jinnota li hemm perċentwal tajjeb ta' nies kemm f'Iżrael kif ukoll fil-Palestina li huma mxebbgħin minn din is-sitwazzjoni ta' tensjoni u vjolenza. Il-fatt li Iżrael hu pajjiż ekonomikament żviluppat u stabbli u li wkoll fil-Palestina daħal ċertu element ta' ġid l-aktar bit-turiżmu u investimenti, iwassal lil ħafna biex jirraġunaw li l-ideali militanti tal-estremisti huma ta' min jikkundannahom, u pjuttost jaqbel li ż-żewġ popoli jsibu *modus vivendi* li jiggarantixxi prosperità u paċi. Iżrael ma għandu xejn x'jitlef u l-Palestinjani jaqblilhom jaċċettaw sitwazzjoni li fiha jieħdu l-aħjar li jistgħu minn dak li fadlilhom. Din il-mentalità hi mifruxa sewwa fi ħdan is-soċjetà Iżraeljana sekulari u anke fi ħdan dik Palestinjana li rnexxielha takkwista ċertu tip ta' ġid ekonomiku. Sfortunatament il-korruzzjoni fi ħdan is-soċjetà Palestinjana u l-politika ta' eġemonija ta' Iżrael ma jgħinux biex din is-sitwazzjoni ssir realtà u li titjieb il-ħajja tan-nies komuni u jkun hemm aktar ġustizzja soċjali mhux biss fil-Palestina imma anke f'Iżrael, fejn id-divarju soċjali hu wkoll problema serja.

Ta' min jiftakar li Iżrael u l-Palestina jinsabu f'żona taħraq li fiha l-elementi estremisti ta' fundamentaliżmu, l-aktar Iżlamiku, qed iġibu konfużjoni u taqlib soċjali u demografiku ikrah. Il-Lvant Nofsani sar bejta ta' gruppi terroristiċi fundamentalisti Iżlamiċi, li jaġixxu bla ebda kontroll fis-Sirja, Iraq, Libanu, u li qed jimminaw anke l-istabilità ekonomika u politika ta' pajjiżi bħall-Ġordanja, l-Eġittu u t-Turkija. L-avvanzata tal-Iżlam Sunnita mill-Għarabja Sawdita u l-pajjiżi tal-Golf lejn żoni ta' Iżlam Xi'ita qed joħloq sitwazzjoni inkwetanti għall-komunità internazzjonali. Imma anke hawnhekk diversi strateġiji politiċi tal-pajjiżi tal-punent wasslu għal diżastri sħaħ, l-aktar fil-każ tal-gwerer fl-Afghanistan, Iraq u Sirja. B'ironija tal-istorja, l-aktar li qed isofru f'din is-sitwazzjoni huma l-minoranzi etniċi, fosthom il-minoranzi Kristjani li huma fost l-eqdem Knejjes preżenti fil-Lvant Nofsani. Fl-Iraq l-insara ħarbu bl-eluf, u l-istess ġara fis-Sirja. Fl-Eġittu saru atti ta' vjolenza kontra knejjes u nsara li qatt ma konna rajna bħalhom qabel. Il-problema qed tkompli tikber, għax l-istess atti ta' terrur min-naħa ta' fundamentalisti Iżlamiċi qed narawhom fl-Afrika, f'pajjiżi bħas-Sudan tan-nofsinhar, Somalja, Kenja, Niġerja. U donnhom li la l-iStati Uniti tal-Amerika u lanqas l-Unjoni Ewropea ma jagħtu l-ebda każ ta' din ir-realtà tal-biki.

Il-paċi fl-Art Imqaddsa tiddependi ħafna minn din ir-realtà globali. U trid għajnejn u moħħ miftuħ biex tifhem għaliex it-Tielet Intifada mhix il-veru periklu issa, imma li l-veru periklu hu li ninsabu fi gwerra bejn il-kultura tal-ħajja u dik tal-mewt.

# STORJA TAL-FRANĠISKANI FL-ART IMQADDSA

# IL-PAPIET JIDDEFENDU L-FRANĠISKANI FL-ART IMQADDSA FIS-SEKLU 15




***Noel Muscat ofm***

Il-Bulli pontifiċji *Gratias agimus* u *Nuper carissimae* ta' Klement VI (21 ta' Novembru 1342) huma meqjusa bħala d-dokumenti ta' fundazzjoni tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa. Rajna kif, matul is-seklu 14, il-Franġiskani stabilixxew ruħhom b'mod permanenti fiċ-Ċenaklu, fil-Qabar ta' Kristu, fil-Qabar tal-Verġni Marija, u fil-Grotta tan-Nativitá f'Betleħem. Din il-preżenza kienet saret possibbli bl-inizjattiva tal-Franġiskani nfushom, u bl-appoġġ tal-

familja rjali tar-Renju ta' Napli u Sqallija, l-aktar ta' Roberto d'Anjou u Sancia ta' Majorca. Aktar tard, fl-1363, rajna kif Giovanna I ta' Napli kienet talbet lis-Sultan tal-Eġittu garanziji ta' rikonoxximent tal-preżenza tal-Franġiskani fis-Santwarji msemmija. Kien iż-żmien li fih, ftit qabel, fl-14 ta' Diċembru 1362 Giovanna I kienet iżżewġet lil Jaime ta' Majorca bi prokura, u mbagħad iċċelebrat iż-żwieġ miegħu fis-16 ta' Mejju 1363. Minn dak il-waqt, l-interessi favur l-Art Imqaddsa ma baqgħux biss prerogattiva tal-familja Rjali ta' Napli, imma wkoll ta' dik ta' Katalonja.

Minkejja dan kollu li qegħdin ngħidu, ma nistgħux naffermaw li, fil-fatt, il-Franġiskani kienu uffiċjalment meqjusin bħala Kustodji esklussivi tas-Santwarji matul is-seklu 14. Ir-raġuni hi sempliċi. Fi żmien ir-Renju Latin ta' Ġerusalemm (1099-1187, u sal-waqgħa ta' Akri fl-1291), is-Santwarji li semmejna kienu jinsabu taħt il-kura tal-kleru li kien jamministrahom f'din l-epoka Kruċjata. Hekk, per eżempju, iċ-Ċenaklu, il-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu u l-Bażilika tan-Nativitè f'Betleħem kienu uffiċjati mill-Kanoniċi Regolari ta' Santu Wistin, filwaqt li fil-Qabar tal-Verġni Marija tal-Wied ta' Ġosafat kien hemm il-Benedittini. Il-Bulli pontifiċji ta' Klement VI ma jsemmu xejn dwar id-drittijiet


*Sancia ta' Majorca*


*Roberto d'Anjou*


Il-Papa
Klement VI

ta' dawn il-prelati li kienu preżenti fl-Art Imqaddsa f'epoka Kruċjata, u għaldaqstant dawn komplew jirrivendikaw id-drittijiet tagħhom fuq il-Postijiet Imqaddsa wkoll meta huma kienu ħallewhom wara l-waqgħa tar-Renju Kruċjat u flokhom daħlu l-Franġiskani.

## Il-Papa Martinu V u l-Bulla Dudum siquidem (1421)

Kellu jkun il-Papa Martinu V li ndaħal fil-kwestjoni biex jiddikjara, darba għal dejjem, li l-Franġiskani kienu issa l-Kustodji tal-Postijiet Qaddisa f'isem il-Knisja Kattolika, u li għalhekk il-pretensjonijiet ta' dawk li qabel kienu jamministraw dawn is-Santwarji ma kellhomx aktar valur. Martinu V kien ġie elett Papa fil-Konċilju ta' Kostanza fl-1417, fi tmiem ix-Xiżma tal-Oċċident, u dam Papa sal-1431. Fis-16 ta' Marzu 1421 hu emana l-Bulla *Dudum siquidem*, li hi d-dokument fundamentali li jirrivendika għall-Franġiskani d-dritt li jibqgħu permanentement preżenti fis-Santwarji tal-Fidwa f'isem il-Knisja Kattolika. It-traduzzjoni ta' din il-Bulla nagħmluha mill-edizzjoni latina ta' Luke Wadding, *Annales Minorum*, ad an. 1421, VI, 57-58:

"Billi ftit taż-żmien ilu (*Dudum siquidem*) sirna nafu li fil-Għolja ta' Sijon u f'Betleħem u fil-qabar tal-Mulej f'Ġerusalemm, kif ukoll fil-post tal-Beata Verġni Marija fil-Wied ta' Ġosafat, il-maħbubin uliedna l-Gwardjan u l-komunità Konventwali tal-Ordni tal-Patrijiet Minuri, qegħdin jgħixu f'dan il-post imsemmi tal-Għolja ta' Sijon, u li huma wkoll qed jgħidu li ilhom fil-pussess ta' dawn il-postijiet għal żmien twil, li huma jafu li huma meħtieġa għall-użu u l-abitazzjoni tagħhom; Aħna ġejna mqanqlin minn dak li smajna issa u minn kawżi raġjonevoli, permezz tal-Venerabbli Ħuna Fra Giovanni, Patrijarka ta' Grado … hekk li dawn l-istess Patrijiet, kemm-il darba ikunu ilhom jgħixu f'dawn il-postijiet taħt pussess tagħhom għal żmien ta' ħamsin sena, bl-awtorità tagħna, nikkonċedulhom li jistgħu jibqgħu jagħmlu użu minn dawn il-postijiet bl-istess mod u għal dejjem. Aħna nikkmandaw, niddeputaw u nassenjaw il-permess li dawn l-imsemmijin Patrijiet ikunu jistgħu jgawdu l-pussess paċifiku ta' dawn il-postijiet, u li dawk li jikkontradixxuhom għandhom, bl-istess awtorità, jiċħdu għal din l-appellazzjoni li baqgħu jagħmlu. U li minkejja dan kollu, dawn l-istess Patrijiet ikollhom il-permess li jirċievu l-offerti li l-fidili jgħaddu lill-istess Gwardjan u Patrijiet għall-iskop tal-għajxien tagħhom, u jistgħu jagħmlu użu minn dawn l-offerti permezz tal-prokuraturi jew kummissarji tagħhom. Dawn il-Patrijiet infushom u s-suċċessuri tagħhom, huma deputati li jagħmlu l-ġbir tal-offerti, li aħna nikkonċedu l-permess għalih bl-awtorità tagħna. Hekk, kif reċentement għidna rigward it-talbiet li rċevejna min-naħa tal-istess Gwardjan u Patrijiet, l-imsemmi Giovanni Patrijarka, waħdu skont ma tgħid din l-ittra, jista' jipproċedi għall-eżekuzzjoni ta' dan kollu skont dak li jaqbel lilhom, billi hu ta' min joqgħod fuq ix-xhieda ta' min jemminha li pproduċew min-naħa tagħhom il-Gwardjan u l-Patrijiet. Xhieda li ġiet eżaminata b'mod diliġenti, u skont dak li qalu u iddisponew għalihom b'mod leġittimu, u dan b'qawwa akbar billi dawn il-postijiet imsemmija ilhom fil-pussess kontinwu tal-istess Patrijiet għal ħamsin, jekk mhux ukoll għal sittin sena u fuqhom, hekk li ġew mogħtija, konċessi, u assenjati b'tali mod li, fil-ġejjieni l-istess Gwardjan u Patrijiet ikunu jistgħu jipposseduhom paċifikament, u jistgħu wkoll jgawdu l-pussess paċifiku tagħhom … Fuq kollox il-Gwardjan u l-Patrijiet li semmejna diġà, lil dawn il-prokuraturi jew Kummissarji, skont kif jidhrilhom għandhom il-permess li jneħħuhom u fl-uffiċċju tagħhom idaħħlu oħrajn, kemm huma kif ukoll is-suċċessuri tagħhom,


*Il-Papa Martin V*



*San Bernardin minn Siena - Dario di Giovanni*

u dan bl-istess awtorità u liċenzja li nikkonċedu permezz ta' dan id-dokument preżenti. Ħadd mela ma jista' … eċċ. Mogħti f'Ruma, f'San Pietru, fis-16 tal-*Kalendae* ta' Marzu, ir-IV sena tal-Pontifikat tagħna."

Dan id-dokument, kif għidna għandu importanza kapitali fl-istorja tal-preżenza Franġiskana fl-Art Imqaddsa. Għall-ewwel darba l-Papa jiddikjara li l-Franġiskani kellhom id-dritt li jidħlu fil-pussess permanenti tas-Santwarji tal-Fidwa (li fl-1421 kienu għadhom biss iċ-Ċenaklu, il-Qabar ta' Kristu, il-Qabar tal-Verġni Marija, u l-Grotta tan-Nativitá f'Betleħem). Fuq kollox Martinu V jiddikjara li l-patrijiet Minuri kienu ilhom preżenti b'mod stabbli f'dawn il-postijiet għal aktar minn ħamsin sena, u li għalhekk l-ebda pretensjoni ta' pussess minn dawk li qabel kienu jamministraw dawn is-Santwarji ma setgħet titqies aktar bħala valida.

Mhux ta' min jinsa wkoll l-isfond storiku ta' din id-dikjarazzjoni papali. Martinu V kien sar Papa waqt il-Konċilju ta' Kostanza, li barra milli għaqqad il-Knisja tal-punent mill-ġdid taħt l-Isqof ta' Ruma, ried li sseħħ riforma sħiħa fi ħdan l-istess Knisja u fil-familji reliġjużi. Dan hu fattur importanti, għaliex l-Ordni tal-patrijiet Minuri f'dak iż-żmien kien proprju għaddej minn wieħed mill-mumenti l-aktar importanti tal-istorja tiegħu permezz tal-fenomenu tar-riforma tal-Osservanza fi ħdan l-istess Ordni. Dak li kien qed jiġri fl-Italja u fi bnadi oħrajn tal-Ewropa, u li kien issaħħaħ sew wara l-1368 bir-riforma ta' Paoluccio Trinci, issa beda jilħaq ukoll l-Art Imqaddsa. Fl-1415 saħansitra l-kunvent ta' Santa Marija tal-Anġli (Porziuncola)

f'Assisi kien ingħaqad mar-riforma Osservanti, li bdiet dejjem issir aktar awtonoma mit-tmexxija tal-Ordni tal-patrijiet Minuri, li kienet f'idejn il-familja Konventwali bil-Ministru Ġeneral, filwaqt li l-Osservanti beda jkollhom il-Vigarji tagħhom, f'awtonomija imma wkoll f'dipendenza mill-unika awtorità tal-Ordni kollu.

## Il-Papa Ewġenju IV u l-Franġiskani Osservanti fl-Art Imqaddsa

L-istorja tal-preżenza Franġiskana fil-Kustodja tal-Art Imqaddsa hi marbuta ħaġa waħda mal-istorja tal-Ordni tal-patrijiet Minuri fis-seklu 15, fi żmien meta, kif rajna, il-papiet kienu qegħdin iħeġġu riforma sħiħa fil-Knisja u fl-Ordnijiet reliġjużi. Fi ħdan l-Ordni tal-Minuri r-riforma tal-Osservanza, fid-diversi suriet tagħha, infirxet sew, partikolarment fl-Italja, l-aktar bil-ħidma entużjasta ta' qaddisin beati famużi Franġiskani, bħalma kienu San Bernardin minn Siena (1380-1444), San Ġwann minn Capestrano (1386-1456), San Ġakbu tal-Marche (1393-1476), u l-Beatu Alberto minn Sarteano (1385-1450).

Fl-ewwel kwart tas-seklu 15 il-Franġiskani fl-Art Imqaddsa, insedjati kif rajna fil-kunvent tal-Għolja ta' Sijon biex jufficjaw fiċ-Ċenaklu, fil-Qabar ta' Kristu, fil-Qabar tal-Verġni Marija u fil-Grotta tan-Natività f'Betleħem, kienu ġejjin prevalentement mill-familja hekk imsejħa Konventwali tal-Ordni, li kienet tikkorrispondi għall-familja tal-*Communitas Ordinis*, il-familja li kienet tmexxi l-Ordni permezz tal-Ministru Ġeneral. Din il-qagħda kienet damet sa minn wara l-mewt ta' San Franġisk sa żmien il-Ministru Ġeneral Gerard Eudes minn Aquitaine (1329-1342), li hu meqjus bħala dak li ffavorixxa t-tendenza lejn il-"Konventwależimu" fl-Ordni. Fl-istess żmien kienet għadha kemm intemmet il-


*San Ġakbu tal-Marche - Francisco de Zurbaran*



*Il-Papa Ewġenju IV*

ġlieda qalila bejn il-*Communitas Ordinis* u l-Ispiritwali, jew *Fraticelli de opinione*, segwaċi tal-Ministru Ġeneral Michele da Cesena, li tneħħa minn Ġwanni XXII immedjatament qabel l-elezzjoni ta' Gerard Eudes. Għalkemm il-Fraticelli kienu ġew ikkundannati fl-1317, huma baqgħu jeżistu f'eremitaġġi moħbija fl-Italja ta' isfel u Sqallija. Aktar tard, fl-1334, id-dixxipli tagħhom talbu li jgħixu l-ideali Franġiskani tal-Ispiritwali fl-eremitaġġ ta' Brogliano, fejn imbagħad ir-riforma tal-Osservanza mħeġġa minn Paoluccio Trinci minn Foligno żviluppat mill-1368.

Wara l-Konċilju ta' Kostanza (1417) l-Osservanza kienet diġà tferrxet sew, u d-distinzjoni bejn il-*fratres sub Ministris* (Konventwali) u l-*fratres sub Vicariis* (Osservanti) saret aktar ċara.

Il-Papa Ewġenju IV (1431-1447), suċċessur ta' Martinu V, kien difensur kbir tar-riforma tal-Osservanza Franġiskana. Hu għen kemm felaħ lil San Ġwann minn Capestrano fl-isforzi tiegħu biex jirriforma l-Ordni tal-patrijiet Minuri. Fl-1434 Ewġenju IV ħa deċiżjoni importanti rigward il-Franġiskani tal-Kustodja

tal-Art Imqaddsa, li kellha riperkussjonijiet fundamentali fil-kumplament tal-istorja tal-Kustodja.

Il-kronista Franġiskan Luke Wadding, *Annales Minorum*, ad. an. 1434, 226, jgħidilna: "Madwar l-istess żmien (1434), minħabba diversi kwestjonijiet ta' amministrazzjoni ħażina tal-postijiet tal-Art Imqaddsa min-naħa tal-Patrijiet Konventwali, (il-Papa) iddikjara li dawn il-postijiet kellhom jitħallew bi preferenza lill-Osservanti, imma billi l-Ministru Ġeneral waqt il-Kapitlu tal-Ordni li ġie ċċelebrat fis-sena ta' wara, ma wettaqx dan il-kmand, u ħatar bħala Gwardjan lil fra Scolaro da Monte Ilcino, li dwaru tkellimna aktar 'il fuq, li kien *Magister* tat-teoloġija, u Inkwiżitur kontra l-qerq tal-ereżiji, malli dan mar għand il-Papa biex jitolbu l-privileġġi meħtieġa għall-ġid tat-tmexxija tal-Art Imqaddsa, il-Papa ġiegħlu biex jirrinunzja f'idejh għall-uffiċċju tiegħu, u issostitwih bi fra Giacomo Delfini, nobbli minn Venezia, li kien membru tal-Osservanza Regolari. Scolaro ma baqax mingħajr glorja, għax hu kiteb lill-Ministru Ġeneral, u dan żejnu bil-ġieħ nhar l-4 ta' Awwissu bl-ittra *Propter bonas et rationabiles causas*."

Dan il-ġest tal-Papa Ewġenju IV qiegħed il-missjoni tal-Art Imqaddsa direttament taħt il-ġurisdizzjoni tal-familja Osservanti tal-Ordni tal-patrijiet Minuri. Ma ninsewx li l-Provinċja tal-Art Imqaddsa kienet strutturata bħall-provinċji kollha tal-Ordni, ħlief għall-fatt li l-patrijiet kienu jiġu fil-missjoni mill-Ordni kollu. Dan kollu wassal lill-Kapitlu Ġenerali biex jifformula kostituzzjonijiet speċjali għall-patrijiet tal-Art Imqaddsa. Il-Kapitlu ta' L'Aquila fl-1376 bagħat lil Bartolomeo di La Verna bħala kummissarju, u hu, flimkien ma' patrijiet għorrief mill-Art Imqaddsa, kiteb l-ewwel statuti speċjali. Dawn il-liġijiet ġodda illimitaw b'mod iebes il-ġurisdizzjoni tal-Provinċjal tal-Art Imqaddsa. Kienu dawn l-istatuti li ħatru lill-Gwardjan tal-Għolja ta' Sijon bħala l-Kustodju *ex officio* tal-Postijiet Qaddisa tal-Art Imqaddsa. Iddikjaraw ukoll li n-numru ta' patrijiet li kellhom jassistu fil-Postijiet Qaddisa ma kellux ikun aktar minn għoxrin. Il-Kapitlu ta' Lausanne fl-1414 iffromula xi digrieti oħrajn u insista li l-aħjar fost il-patrijiet kellhom jintbagħtu fl-Art Imqaddsa, billi huma kellhom jgħixu f'sitwazzjoni hekk esposta u kellhom ikunu ppreparati biex jiddefendu r-reliġjon Kristjana.

Il-fatt li saru dawn l-ordinanzi kollha juri li kien hemm diversi diffikulatjiet. Il-Papa Martinu V kien bagħat lill-Osservanti Patri Nicola di Osimo bħala Viżitatur tal-Art Imqaddsa, imma dan ma sabx kollaborazzjoni mill-patrijiet Minuri tal-familja Konventwali li kienu preżenti fil-missjoni u kellu jirritorna bla ma solva xejn. Kien għalhekk li l-Papa Ewġenju IV rajna kif insista li l-Ministru Ġeneral jibgħat Osservanti bħala superjur f'Ġerusalemm. Meta l-Ġeneral ma obdiex din l-ordni tal-Papa, Ewġenju IV fl-1434 bagħat lill-Osservanti Giacomo Delfini minn Venezia.

Imma biex effettivament il-gvern tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa jgħaddi f'idejn Osservanti kellu jkun San Ġwann minn Capistrano li jaħdem direttament u b'ċerta forza biex dan iseħħ. Fl-1439, minkejja li kien jibża' mill-baħar, Ġwann Capistrano aċċetta l-ordni biex imur bħala Viżitatur fl-Art Imqaddsa. Bħala riżultat dirett tal-ħidma entużjasta tiegħu, il-patrijiet Minuri Osservanti, fil-Kapitli Ġenerali tal-familja Ċismontana, kien jiġi maħtur il-Gwardjan tal-Għolja ta' Sijon bħala superjur, jew Kustodju tal-Art Imqaddsa. Min-naħa tagħhom il-Konventwali komplew għal żmien twil jaħtru Provinċjali titulari tal-Art Imqaddsa, anke jekk wara l-viżta ta' Capistrano huma ma kellhomx aktar permess li jgħixu fl-Art Imqaddsa.



# IL-KULT ANTIK LEJN IL-KBIR U L-ĠUST APPOSTLU SAN BARTILMEW

***Fr Charles Buttigieg***

*"B'hekk tkunu tistgħu tifhmu, flimkien mal-qaddisin kollha, x'inhu l-wisa' u t-tul, l-għoli u l-fond tal-imħabba ta' Kristu; tagħrfu kemm din l-imħabba ta' Kristu tisboq kull għerf, biex timtlew bil-milja kollha ta' Alla" (Efesin 3, 18-19).*

## L-Appostlu San Bert

San Bartilmew (bil-grieg: 'Bartholomaios', bl-aramajk: 'bar Ptolemaios' jew 'bar-Talemai' jiġifieri 'iben Tolemew' li jfisser litteralment 'iben ir-radda (aramajk: telem) tal-għalqa' jew iben ħaddiem il-għalqa' jew 'iben il-moħriet'), hu msejjaħ Natanjel li tfisser 'don ta' Alla' fl-evanġelju ta' San Ġwann. Tajjeb li ngħidu li l-moħriet huwa simbolu tal-ħidma ta' Alla fl-għalqa tal-Knisja. Id-dinja hija 'teofanija', hija l-għalqa ta' Alla. Il-vanġeli l-oħra dejjem isemmuh bħala Bartilmew. B'rabta ma' dan l-isem hemm l-isem assirjan 'Nabutalime' li jindika li wieħed huwa 'tewmi'. Il-biblista S. Köhn jgħid li Bartilmew kien Samaritan. Kien il-kittieb Elija isqof ta'Damasku li semma għall-ewwel darba r-rabta bejn dawn iż-żewġ ismijiet tal-appostlu fil-bibbja. Insibu ukoll lil Abdisho bar Berika metropolita ta' Soba li saħaq fuq din l-identifikazzjoni fl-14-il seklu. L-appostlu San Bartilmew minn Kana tal-Galilija, raħal iktar magħruf minn Nazaret fl-Antik Testment (ara Ġoswè 19:28) u ġie mfaħħar minn Ġesù meta rah l-ewwel darba: "Ara, dan tassew wieħed minn Israel li jixraqlu dan l-isem; ma hemm ebda qerq fih" (Ġw 1:47). X'eloġju u tifħir minn fomm il-Mulej għal Bartilmew! Mhux li kien li kull wieħed u waħda minna, nistgħu xi darba nisimgħu dal-kliem meqjus mill-fomm Divin ukoll fuqna. Ġesù jħares lejh u jagħtih l-isem li jixraqlu: 'Iżraelita veru li m'hemmx qerq fih'. U lilu jagħmillu wegħda oħra: 'Għad tara ħwejjeġ ikbar minn dawn'.

Huwa ltaqa' ma' Ġesù permezz tal-appostlu Filippu: "Filippu ra lil Natanjel u qallu: 'Sibna lil dak li fuqu kitbu Mosè fil-liġi u l-profeti fil-kotba tagħhom. Ġesù minn Nazaret bin Ġużeppi" (Ġw 1:45). Huwa jistqarr lil Ġesù: "Mgħallem, int l-Iben ta' Alla, int is-Sultan ta' Israel" (Ġw 1:49). Din hija waħda mill-ewwel stqarrijiet ta' fidi f'Ġesù proprju magħmula minn San Bartilmew, saħansitra qabel dik li għamel San Pietru f'Ċesarea ta' Filippi. Bartilmew għalhekk kien Israelita ġust u onest li josserva l-liġi ta' Alla, li spiss kien jitlob u jaqra din il-Liġi ta' Alla (Torah) taħt id-dell tas-siġar tat-tin li kienu komuni ġewwa Kana, sabiex jipproteġi ruħu mill-qilla u s-sħana tax-xemx: "Rajtek taħt is-siġra tat-tin qabel ma sejjaħlek Filippu" (ara Ġw 1:48). Fuq kollox il-liġi ta' Alla kienet imxebbha mas-siġra tat-tin fost il-Lhud, fejn it-Talmud 'Eruvin' iqabbel is-siġra tat-tin mal-Liġi: "Għaliex it-Tora nxebbhuha mas-siġra tat-tin, għax din is-siġra ma ssajjarx il-frott tagħha fi żmien wieħed. Kull meta xi ħadd jersaq lejn din is-siġra jsib dejjem xi frotta fiha. Hekk it-Torah: kull meta timmeditaha, issib xi ħaġa ħelwa fiha".

Huwa pprietka f'Ġerusalemm, fl-Asja Minuri ġewwa Ikonju, fl-Etjopja, fl-Armenja, fil-Persja u anke skont xi wħud fl-Indja (jingħad li Ofir tal-Bibbja hija l-Indja) eżattament ġewwa Kalyana qrib Bombay tal-lum (ara x-xhieda tal-iskular fl-

Indja Pantanaeus fis-sena 180 W.K., l-Atti ta’ Abdija ta’ Babilonja u Ewsebju ta’ Ċesarea). Il-kristjani ta’ Kalyana jsostnu li l-appostlu ħa l-martirju fl-Indja. Huwa kien ikkonverta lir-re tal-Armenja Polymius. Ħa l-martirju fl-24 ta’ Awwissu f’Derbend (Alabanopolis, Albac, illum Baskale) fl-Armenja (dak in-nhar) taħt il-liġi Persjana tar-re Astyages billi tqaxxar ħaj fis-sena 62 W.K. (ara il-kitba ta’ Teodoru Anagnostes tar-raba’ seklu). Il-festa liturġika tiegħu hija fl-24 ta’ Awwissu. Huwa Patrun tal-Knisja Appostolika Armena li ġuridikament hija



marbuta ma' Ġerusalemm, Kostantinopli u ċ-Ċiliċja. Fil-fatt huwa isem komuni hafna fl-Armenja bħala 'Partogħimeos'. Il-Knisja ortodossa tiċċelebra l-festa tiegħu fil-11 ta' Ġunju. Il-Kopti jiċċelebraw il-festa tiegħu fid-29 ta' Awwissu.

## Il-Mistoqsijiet ta' Bartilmew

Dan huwa xogħol apokrifu marbut mal-appostlu bħalma hemm ma' wħud mill-appostli l-oħra. Jinsabu manuskritti antiki latini u griegi, kopt u slavoniku ta' dawn il-Mistoqsijiet. Din il-kitba tirreferi għall-episodji li kellu l-appostlu ma' Kristu Rxoxt fejn huwa jagħmel diversi mistoqsijiet interessanti lil Ġesù speċjalment dwar is-salib, il-Madonna, il-limbu, l-anġli t-tajbin u l-ħżiena u l-ġenna. Marbut ukoll ma' din il-kitba nsibu l-Qawmien ta' Ġesù Kristu minn Bartilmew u l-vanġelu apokrifu tiegħu li seta' kellu affinità mal-vanġelu ebrajk mitluf ta' San Mattew. Il-kontenut tiegħu jixbah ukoll lill-ktieb ta' Enok. San Ġirolmu, fil-kummentarju tiegħu dwar il-bidu tal-evanġelju ta' San Mattew, isemmi dan il-vanġelu ta' Bartilmew.

## Kult Antik lejn San Bert

Il-fdalijiet ta' San Bert jinsabu fil-Bażilika ta' San Bartilmew f'Ruma fuq il-gżira tat-Tevere (San Bartolomeo all'isola Tiberina) fejn inġiebu hemm mill-gżira ta' Lipari ħdejn Sqallija (hemm il-Katidral ta' San Bartilmew f'Lipari) u mill-belt tal-Benevento fil-Puglia mill-imperatur Otto III fis-sena 983, filwaqt li r-ras tiegħu mbierka hija meqjuma fi Frankfurt il-Ġermanja fil-Kaiserdom Sankt Bartholomaus li nbena fl-14-il seklu. Qabel is-sena 809 ir-relikwi kienu fl-Armenja. Il-Knisja ta' 'San Bartolomeo all'isola' ġiet ipproklamata fis-sena 2002 bħala 'memorjal' tal-martri tas-seklu għoxrin. Id-driegħ tiegħu jinsab fil-Katidral ta' Canterbury, li beda jinbena mill-ġdid fis-sena 1070, li kien ingħata mir-reġina Emma fil-ħdax-il seklu. Fil-



fatt kien hemm 165 knisja ddedikata lil San Bert ġewwa l-Ingilterra. Tajjeb li ngħidu li fl-Armenja insibu l-eqdem katidral fid-dinja msejjaħ ta' Etchmiadzin f'Armavi tas-sena 301 iddedikat lil San Bert. Għalhekk l-eqdem katidral fil-dinja (ngħidulu: Il-Katidral Omm) huwa ddedikat lil San Bartilmew. Dan jagħmel sens meta l-Armenja li tagħha huwa Patrun San Bartilmew kienet l-ewwel pajjiż u stat li aċċetta l-kristjaneżmu taħt ir-re Drtad (Tiridats) III fis-sena 301, jiġifieri 12-il sena qabel l-Editt (Reskritt) ta' Milan ta' Kostantinu li fih kien ta l-libertà tat-twemmin lill-insara kollha. L-Armenja hija l-art biblika ta' Ararat fejn jingħad li nstabet l-arka ta' Noe (ara 2 Re 19:37) u hija d-dar ta' Togarmah (ara Eżekjel 27:14). Skont Taċitu (ara Annales 3, 48) Quirinus kien ma' Gaius Ċesari fl-Armenja għas-sena 2 A.D. fejn imbagħad Gaius safa ferut f'Settembru tas-sena 3 A.D. Fuq il-muntanja Ararat ħadu l-martirju 10,000 martri msallbin fl-20 ta' Ġunju taħt l-imperatur Adrianu. Hemm ukoll il-Monasteru ta' San Bartilmew tat-13-il seklu f'Baskale f'Albarak (qabel Derbent u kienet fl-Armenja) fil-lbiċ tat-Turkija tal-lum qrib ħafna tal-Armenja u għandu rabta kbira mal-post awtentiku tal-martirju tal-appostlu. Wara l-ġenoċidju tal-Armeni imlaqqam 'Metz Yeghern' jiġifieri 'il-Ħażen il-Kbir' (fejn kienu nqatlu miljun u nofs nisrani, insara armeni, griegi, sirjani u kaldej) dan il-monasteru ma baqax jiffunzjona u waqa' f'idejn il-militar Tork fl-1915, illum sfortunatament jinsab imġarraf. Skont l-Agenzia Fides minn Yerevan, aktarx li dawn l-insara armeni għad jiġu bbeatifikati. Illum ukoll ħafna insara Armeni qed jiġu ppresegwitati speċjalment fis-Sirja mill-grupp militanti iżlamiku (ISIS, *Islamic State of Iraq and the Levant*) li huwa assoċjat mal-grupp terrorista ta' Al-Qaeda.

L-imħabba u d-devozzjoni lejn dan il-kbir u l-ġust appostlu, insibuha fuq kollox hawn f'Malta sa minn ħafna sekli ilu fir-raħal tal-Ħal Għargħur kif tixhed tassew l-istatwa titulari li nsibu ta' San Bartilmew minquxa fl-injam ġewwa l-Belt Eterna ta' Ruma li tagħmilha waħda mill-isbaħ u l-itqal statwa li għandna fil-gżejjer tagħna.

B'hekk tajna ħarsa biblika u lejn il-kult antik lejn San Bert. Il-kbir qaddis Appostlu Martri li tqaxxar ġismu fuq l-art biex jonqox ismu fis-sema. J'alla Ġesù meta jarana fil-Ġudizzju jgħidilna bħalma qal lil San Bert, "Nisrani tabilħaqq, li ma għandux qerq, idħol fis-Saltna ta' Dejjem!"

## Biblijografija


Adinlei, M., *L'apostolato dei Dodici nella vita' di Gesu'*, Cinisello 1985.

Andreadis, G., "Banished faith: the exile of christian Pontus", in *Road to Emmaus. A journal of orthodox faith and culture*, 9, 3-21.

Brown, R.E., *Giovanni 1-2*, Assisi 1977.

Easton, M., "Biblical Meaning for 'Bartholomew'", in *Eastons Bible Dictionary*, 1897.

Elliott, J.K., *The Apocryphal Jesus. Legends of the early Church*, Oxford 1976.

Fenlon, J.F., "St. Bartholomew", in *The Catholic Encyclopedia*, Vol. 2, New York 2010.

Florea, S., "The World as field of God's presence and man's work", in *International Journal of Orthodox Theology* 2 (2011) 4-112.

Herz, N., "The etymology of Bartolomew", in *The Journal of Theological Studies*, 110-112.

Jones, A., *Dictionary of Saints*, London 1992.

Manns, F., *Evangile de Jean, a la lumiere du Judaism*, Jerusalem 1991.

Schmidt, A., "The Armenian versions I and II of Michael the Syrian", in *Hugoye: Journal of Syriac Studies*, 16 (2013) 93-128.

Schnackenburg, R., *La Persona di Gesu' Cristo nei Quattro vangeli*, Brescia 1995.



# L-ISPIRTU S-SANTU FIL-MEWT SAGRIFIKALI TA' KRISTU (LHUD 9, 13-14)

***Mons. Lawrenz Sciberras***

F'din is-silta, joħroġ għad-dawl ir-rapport tal-passjoni u l-mewt sħiħa ta' Ġesù mal-Ispirtu s-Santu. Fil-versi 13 u 14 tal-kapitlu 9, l-awtur juri u joħroġ għad-dawl il-profitt flimkien mal-frott tad-demm ta' Kristu biex ikun hemm veru twaqqif ta' Patt Ġdid. L-awtur jibda billi jagħmel referenza u differenza għas-sagrifiċċji tal-qedem, biex imbagħad jasal għal dak li huwa aqwa u aktar perfett. Wieħed jifhem aktar l-artiklu jekk qabel jaqra sew iż-żewġ versi li dwarhom huma mibni l-artiklu.

## Id-differenza bejn id-demm

*"Jekk id-demm tal-mogħoż u tal-gniedes u l-irmied tal-għoġiela mraxxax fuq dawk li huma mniġġsa jista' jqaddishom billi jagħtihom l-indafa tal-ġisem, kemm aktar id-demm ta' Kristu, li bl-Ispirtu ta' dejjem offra lilu nnifsu vittma safja lil Alla, jista' jnaddaf il-kuxjenza tagħkom mill-għemil mejjet biex taqdu lil Alla ħaj!"* (Lhud 9,13-14). Din hija silta għanja ħafna mimlija tagħlim, u li toffrilna opportunità biex napprofondixxu l-misteru tal-passjoni u l-glorifikazzjoni ta' Kristu. Dan iwassalna wkoll biex nifhmu li d-demm li Kristu xerred għalina sar id-demm tal-Patt Ġdid, għaliex sar espressjoni ta' offerta personali, u libera billi saret taħt il-qawwa tal-Ispirtu s-Santu. "Hawn jien ġejt biex nagħmel ir-rieda tiegħek". Filwaqt li San Pawl jikteb: "Lilu (Ġesù) Alla qiegħdu sagrifiċċju ta' tpattija għall-maħfra tad-dnubiet għal dawk li jemmnu bih." (Rum 3,25).

Fil-kult tal-qedem kienu jiġu offruti 'l Alla rigali u debħiet esterni, iġsma mejta ta' bhejjem, illi dawn jagħtu biss l-indafa ritwali meħtieġa għall-kult minn barra. Imma ma kellhomx il-qawwa li jwaqqfu patt veru u awtentiku ma' Alla, u dan għaliex huma inkapaċi li jkollhom qawwa fuq il-kuxjenza tal-bnedmin. Hemm qabża l-aktar kbira





bejn annimal u r-ruħ spiritwali ta' bniedem. Fuq in-naħa l-oħra Kristu offra lilu nnifsu mingħajr tbajja lil Alla Missieru u dan taħt l-imbuttatura tal-Ispirtu s-Santu. Hawn qiegħda l-qawwa u d-differenza kollha.

L-offerta li għamel Kristu kienet waħda kollha kemm hi personali u mhux sempliċement waħda esterna biss. Ġesù offra lilu nnifsu, ħajtu kollha, huwa veru mimlija inizjattiva pesonali, ġie wiċċ imb wiċċ mad-diffikultajiet, u kien tassew riżolut fil-mixja lejn Ġerusalemm fejn kien hemm tistennih il-mewt. Fil-Ġetsemani, Ġesù ħalla lilu nnifsu jiġi arrestat, u waqqaf lil Pietru milli jiddefendih. Mela kollox juri li hemm libertà u rieda sħiħa li jmur għal din il-mewt ta' fidwa.

Mela Kristu offra lilu nnifsu b'mod l-aktar liberu u mimli. Imma dan qatt ma nistgħu ngħiduh għal qassis il-kbir tal-Antik Testment. Huwa ma kienx jistħoqqlu u ma kienx kapaċi. Ma kienx jistħoqqlu, għaliex kien midneb, u allura kellu l-ewwel joffri għalih stess annimali maħruqa. Ma setax ikun vittma, togħġob lil Alla, għaliex skont il-Levitiku, il-kundizzjoni kienet li l-vittma tkun "mingħajr tebgħa" (Lev 1,3.10). Issa l-qassis il-Kbir ma kienx mingħajr tebgħa ta' dnub. Bniedem kien! Mela l-qassis il-kbir ma kellux fih innifsu dik il-qawwa "morali" ta' mħabba u dispożizzjoni meħtieġa biex joffri lilu nnifsu lil Alla għalih u għal poplu u hekk jikseb il-maħfra. Fl-aħħar mill-aħħar ma nafu mkien li xi qassis il-kbir tal-qedem miet hu għall-poplu Lhudi!

## Vittma denja

Ġesù però kien vittma denja u qassis kapaċi tassew. Vittma denja għaliex huwa

kellu integrità morali perfetta u reliġjuża; kien tassew mingħajr "ebda tebgħa" (Lhud 9,14). Hekk jiddiskrivih l-awtur tal-ittra lil Lhud, "qassis qaddis, innoċenti u safi," (7,26). Huwa kien qassis kapaċi għaliex kien mimli qawwa tal-Ispirtu s-Santu. Dak li hawn ġdid fl-offerta libera ta' Kristu qiegħed fir-rwol mogħti, imbuttat u mħares mill-Ispirtu. Il-Vanġelu jsemmi diversi okkażjonijiet fejn l-Ispirtu s-Santu ikun f'relazzjoni ma' Ġesù. L-ewwel fl-istess konċepiment fil-ġuf ta' ommu Marija: "L-Ispirtu s-Santu jiġi fuqek, u l-qawwa tal-Għoli tixħet id-dell tagħha fuqek" (Lq 1,35). Minn dan il-kliem wieħed diġà jasal biex jikkonkludi kemm kienet nobbli dik it-tarbija li se titwieled fil-ġuf tax-xebba Marija! It-tieni, fil-magħmudija ta' Ġesù fix-xmara Ġordan: "U niżel l-Ispirtu s-Santu u deher fuqu fis-sura ta' ħamiema" (Lq 3,22). It-tielet, matul il-ministeru ta' Ġesù hawn fuq l-art: "F'dak l-istess ħin Ġesù tqanqal bil-ferħ mill-Ispirtu s-Santu": (Lq 10,21).

Issa fl-ittra lil-Lhud tgħid li l-misteru tal-Għid ta' Kristu (mela passjoni, mewt, qawmien u tlugħ is-sema) dan sar taħt l-imbuttatura sħiħa tal-Ispirtu s-Santu. Dan huwa tagħlim profond ħafna u ħafna. Huwa veru li l-awtur ma jgħidx Spirtu s-Santu, imma "Spirtu etern". Din hija espressjoni unika fil-Bibbja kollha. Għalhekk hemm diversi interpretazzjonijiet ta' din il-frażi, imma l-unika waħda koerenti hija dik ta' missirijiet il-Knisja Griega. Dawn jikkonkludu li l-"Ispirtu etern", hija kelma oħra għal Spirtu s-Santu. Alla biss huwa etern, għalhekk l-Ispirtu etern huwa l-ispirtu ta' Alla, l-Ispirtu s-Santu.

L-aġġettiv "etern" ma ġiex magħżul mingħajr skop jew b'kumbinazzjoni. Permezz tiegħu, l-awtur ried li jfisser il-valur ta' offerta ta' Kristu; valur li kapaċi jagħti l-possibiltà biex wieħed jikseb "fidwa għal dejjem" (Lhud 9,12). Din mela se tkun offerta magħmula biex iġġibilna "il-wirt ta' dejjem" (Lhud 9,15), offerta biex tibni "alleanza (patt) eterna" (Lhud 13,20). Hija biss il-qawwa tal-Ispirtu etern li setgħet tikkomunika lil Kristu dik l-imbuttatura meħtieġa biex iwettaq offerta daqshekk kbira u li tħalli l-frott. Offerta kapaċi li twaqqaf alleanza tassew ġdida u eterna, għaliex saret bid-demm divin ta' Kristu.

Bis-saħħa ta' din l-interpretazzjoni, is-sagrifiċċju jiġi mqiegħed f'perspettiva trinitarja sħiħa. Il-Knisja tikkonferma dan kollu f'talba li kull saċerdot jgħid waqt il-quddiesa preċiżament qabel ma jitqarben. "Mulej Ġesù Kristu, bin Alla l-ħaj, bil-mewt tiegħek, kif ried minnek il-Missier, u **bil-ħidma tal-Ispirtu s-Santu**, int tajt il-ħajja lid-dinja". B'dan il-kliem (Lhud 9,14) il-ġrajja tal-Kalvarju b'mod impliċitu qiegħda f'kuntrast mar-riti tat-Testment il-Qadim, u li l-awtur sejħilhom "liġijiet li jolqtu l-ġisem". Mela liġijiet li ma jaħdimx fihom l-Ispirtu s-Santu, liġijiet li għadda żmienhom, qdiemu anzi xjieħu sew, u għalhekk dawn ma jwasslux il-vera ndafa u anqas il-vera qdusija.

## L-Ispirtu s-Santu u n-nar

San Ġwann Griżostmu jissuġġerixxi li l-awtur ried juri li l-Ispirtu Santu f'dan it-test ħa l-post tan-nar fuq l-artal fis-sagrifiċċji tal-qedem. Ma ninsewx li l-vittma tinqered kollha kemm hi grazzi għan-nar. Dan huwa tagħlim suġġestiv ħafna kif ukoll li jqanqalna għal ħajja spiritwali. U liema kienet il-funzjoni tan-nar fit-Testment Il-Qadim?

Il-problema tal-kult fit-Testment il-Qadim ngħidu li kienet waħda ta' rfigħ jew tlugħ 'il fuq, jiġifieri kif wieħed jagħmel biex l-offerta tiegħu tasal sa għand Alla. Il-mezz li kien jiġi mħaddem kien in-nar ta' fuq l-artal. Grazzi għal dan in-nar il-vittmi jinbidlu f'duħħan li jogħla lejn is-sema sa għand Alla. Min-naħa tiegħu mbagħad Alla "ixomm" id-duħħan tas-sagrifiċċji, li dan kellu riħa tfuħ; preċiżament din

kienet l-immaġni użata f'Ġen 8, 20-21 meta Noè offra lil Alla annimali safjin fuq l-artal. "U l-Mulej xamm ir-riħa ħelwa u għoġbitu". (Ġen 8,21). Il-Bibbja stess għandha interpretazzjoni importanti dwar dan. Hija tkun aktar espliċita u preċiża fis-sens li mhux kull nar jista' jservi għal dan il-għan!

Għalhekk sabiex offerta tista' tassew titla' u tasal sa għand Alla hemm bżonn li qabel jinżel in-nar mingħand Alla! Huwa dak in-nar li jinżel mis-sema mela mingħand Alla li kapaċi jerġa' jitla' lejn is-sema u jtella' miegħu l-vittma offruta lil Alla. Fir-raba' Vanġelu hemm sentenza li toqrob ħafna lejn din il-verità: "Ħadd ma tela' s-sema ħlief Bin il-bniedem, li niżel mis-sema" (Ġw 3,13).

Il-Levitiku jagħmel riferenza għal kult sagrifikali tal-poplu Lhudi li sar permezz ta' nar li ġie mingħand Alla. Matul il-mument tal-inawgurazzjoni tal-kult saċerdotali, il-Levitiku jgħid b'mod ċar li "Ħareġ nar minn quddiem il-Mulej u kkonsma li kien hemm fuq l-artal; il-vittma tas-sagrifiċċju tal-ħruq u x-xaħam" (Lev 9,24). Ġrajja oħra li tixbah ħafna lil din ġrat fl-okkażjoni tad-dedikazzjoni tat-tempju ta' żmien Salamun. Skont it-tieni ktieb tal-Kronaki "x'ħin Salamun temm jitlob niżel nar mis-sema u kkonsma s-sagrifiċċju tal-ħruq u tal-vittmi" (2 Kron 7,1). It-tielet okkażjoni fejn niżel ukoll in-nar mis-sema hija meta l-profeta Elija kien fuq il-Karmelu fejn daħal f'kumbattiment qawwi mal-qassisin tal-alla falz Baal. "U niżel nar mingħand il-Mulej u ħaraq il-vittma u l-ħatab, u l-ġebel u t-trab, sa ma xorob l-ilma fil-gandott" (1 Slat 18,38). Hekk dehret tassew il-validità tas-sagrifiċċji.

Mela s-saħħa tas-sagrifiċċju/offerta li għamel Ġesù fuq il-Kalvarju qiegħda l-ewwel għaliex offra lilu nnifsu u mhux xi annimal, it-tieni għaliex huwa xerred demm divin. Mela ma hemmx prezzu. Dan kollu huwa mezz għat-tindif tal-kuxjenza tal-bniedem.






# IR-REFERENZI BIBLIĊI FL-ENĊIKLIKA "LUMEN FIDEI" (4)

*Marcello Ghirlando*

## Alla jħejji belt għalihom

Ir-Raba' Kapitlu, "Alla jħejji belt għalihom" (Lhud 11: 16) huwa maqsum f'erba' sezzjonijiet b'dawn it-titli: Il-fidi u l-ġid komuni (50-51), Il-fidi u l-familja (52-53), Dawl għall-ħajja fis-soċjetà (54-55) u Qawwa li tfarraġ fit-tbatija (56-57). Il-Konklużjoni għandha t-titlu, Hienja dik li emmnet (58-60).

Dan l-aħħar kapitlu jitkellem fuq ir-rabta li hemm bejn il-fidi u l-ġid komuni, rabta li għandha l-iskop li twassal għall-ħolqien fejn il-bnedmin jistgħu jgħixu fil-hena flimkien: "Il-fidi turi kemm jistgħu jkunu sodi r-rabtiet bejn il-bnedmin, meta Alla jkun preżenti f'nofshom. Hi ma ssemmix biss solidità ġenwina, konvinzjoni stabbli ta' min jemmen; il-fidi ddawwal ukoll ir-rabtiet bejn il-bnedmin, għax titwieled mill-imħabba u tirrifletti l-imħabba nfisha ta' Alla. Alla li tista' tafdah jagħti lill-bnedmin belt li tista' tafdaha" (50). "Għax id-dawl tal-fidi jidħol fil-qadi konkret tal-ġustizzja, tad-dritt u tal-paċi" (51). Il-fidi ma toftomx lill-bniedem mid-dinja u tidħol bis-sħiħ fl-impenn konkret tan-nies ta' żmienna. Għall-kuntrarju, jistqarr il-Papa, "mingħajr imħabba affidabbli xejn ma jista' jżomm tabilħaqq magħqudin lill-bnedmin. L-għaqda bejniethom tkun tiftiehem biss bħala ħaġa msejsa fuq l-utilità, fuq kif ikunu l-interessi, fuq il-biża', iżda mhux fuq it-tjieba tal-għajxien flimkien, mhux fuq l-hena li tista' tqajjem presenza biss tal-ieħor" (51).

L-Enċiklika tgħaddi biex titkellem fuq l-ambjenti li huma mdawla mill-fidi. Il-Papa l-ewwel ma jsemmi hija l-familja, fl-għaqda stabbli tar-raġel u l-mara fiż-żwieġ: "hi titwieled minn imħabbithom, sinjal u preżenza tal-imħabba ta' Alla, mill-għarfien u l-aċċettazzjoni tal-ġmiel tad-differenza sesswali, li biha l-miżżewġin jistgħu jingħaqdu f'ġisem wieħed u għandhom ħila jnisslu ħajja ġdida, wirja tat-tjieba tal-Ħallieq" (52).

Il-Papa jgħid li l-fidi ssieħeb l-etajiet kollha tal-ħajja: it-tfulija, li fiha, b'fiduċja fil-ġenituri t-tfal jikbru fil-prattika tal-fidi fil-familja; iż-żgħożija, "età tal-ħajja daqshekk kumplessa, għanja u importanti għall-fidi, għandhom iħossu l-attenzjoni tal-familja u tal-komunità ekkleżjali". Il-Papa jżid: "Iż-żgħażagħ għandhom ix-xewqa ta' ħajja mimlija. Il-laqgħa ma' Kristu, meta jħallu mħabbtu taħtafhom, twessa' x-xefaq tal-eżistenza u tagħtihom tama soda li ma tqarraqx" (53).

Il-fidi ddawwal ukoll ir-relazzjonijiet soċjali kollha. "Bħala esperjenza tal-paternità ta' Alla u tal-ħniena ta' Alla, hija mbagħad titwessa' f'mixja fraterna". Il-fidi tagħti l-għerq veru tal-fraternità: meta mill-fraternità "titneħħa r-referenza għall-Missier komuni bħala sies aħħari tagħha, ma jseħħilhiex iżżomm" (54).

Il-fidi li turina l-imġiba ta' Alla Ħallieq, iġġagħalna nirrispettaw in-natura aktar. Il-fidi "tgħinna nsibu mudelli ta' żvilupp li mhumiex imsejsin biss fuq l-utilità u l-qligħ, iżda li jqisu l-ħolqien bħala don, li għalih aħna lkoll midjunin; tgħinna nagħżlu forom ġusti ta' gvern, filwaqt li nagħrfu li l-awtorità tiġi minn Alla biex tkun għall-qadi tal-ġid komuni" (55); il-fidi tgħallem u tmexxi lejn il-maħfra. "Meta l-fidi tonqos, hemm ir-riskju li anki s-sisien tal-għajxien jiddgħajfu…jekk



inneħħu l-fidi f'Alla mill-ibliet tagħna, il-fiduċja bejnietna tonqos, nibqgħu magħqudin biss minħabba l-biżà, u l-istabilità tkun mhedda" (55). Hawnhekk il-Papa jistaqsi: "Se nkunu aħna li ma nistqarruhx bħala Alla fil-ħajja pubblika tagħna, li ma nipproponux il-kobor tal-ħajja komuni li hu jagħmilha possibbli? Il-fidi ddawwal l-għajxien soċjali; hija għandha dawl kreattiv għal kull waqt ġdid tal-istorja, għaliex tqiegħed il-ġrajjiet kollha f'rabta mal-bidu u d-destin ta' kollox fil-Missier li jħobbna".

Ambjent ieħor imdawwal mill-fidi huwa t-tbatija u l-mewt: l-Insara jafu li t-tbatija għandha sens fid-dawl ta' Kristu, merħija f'idejn il-Missier li qatt ma jitlaqna; il-mument tat-tbatija jista' jsir mument li fih nikbru fil-fidi. "Huwa u jikkontempla l-għaqda ta' Kristu mal-Missier, saħansitra waqt it-tbatija l-aktar ħarxa fuq is-salib, in-Nisrani jitgħallem jieħu sehem fil-ħarsa nfisha ta' Ġesù. Saħansitra l-mewt tidher imdawla u tista' tingħex bħala l-aħħar sejħa tal-fidi, l-aħħar "Qum u itlaq minn artek", l-aħħar "Ejja" li jlissen il-Missier, li lilu ningħataw bil-fiduċja li hu jqawwina anki fil-pass definittiv tal-aħħar" (56). F'dan is-sens il-fidi hija marbuta mat-tama. B'hekk il-Papa jistqarr: "Ma nħallux lil min jisirqilna t-tama, ma nħalluhiex tixxejjen b'soluzzjonijiet u proposti ta' malajr li jwaqqfuna fil-mixja".

Fil-Konklużjoni l-Papa jistedinna nħarsu lejn Marija, ikona perfetta tal-fidi, li bħala omm Ġesù, nisslet il-fidi u l-hena. Talba sabiħa immens tagħlaq l-Enċiklika: "Għin, ja Omm, il-fidi tagħna! Iftħilna s-smigħ tagħna għall-Kelma, biex nagħrfu l-leħen ta' Alla u s-sejħa tiegħu. Qajjem fina x-xewqa li nimxu warajh, aħna u ħerġin minn artna u nilqgħu l-wegħda tiegħu. Għinna biex inħallu mħabbtu tmissna, biex inkunu nistgħu nmissuh bil-fidi. Għinna nafdaw fih bis-sħiħ, nemmnu f'imħabbtu, fuq kollox fil-waqtiet tat-tribulazzjoni u s-salib, meta l-fidi tagħna tissejjaħ biex timmatura. Iżra' fil-fidi tagħna l-hena tal-Irxoxt. Fakkarna li min jemmen qatt mhu waħdu. Għallimna nħarsu b'għajnejn Ġesù, biex hu jkun dawl fil-mixja tagħna. U dan id-dawl tal-fidi ħa jikber dejjem fina, sa ma jasal dak il-jum bla tmiem, li hu l-istess Kristu, Ibnek, Sidna!" (60)

## Referenzi Bibliċi

F'dan ir-Raba' Kapitlu tal-*Lumen Fidei*, il-Papa jagħmel erbgħa u tletin referenza biblika. Mill-Antik Testment insibu seba' referenzi, tlieta mill-Ktieb tal-Ġenesi, waħda mill-Ewwel Ktieb ta' Samwel, waħda mit-Tieni Ktieb ta' Samwel, waħda mill-Ktieb tas-Salmi u waħda mill-Ktieb ta' Isaija. Mill-Ġdid Testment tliet referenzi għall-Vanġelu ta' San Ġwann, hemm żewġ referenzi għall-Vanġelu ta' San Luqa, waħda għal dak ta' San Mark u waħda mill-Ktieb tal-Atti tal-Appostli. Hemm ħdax-il referenza għall-Ittra lil-Lhud, erbgħa għat-Tieni Ittra lill-Korintin, tnejn għall-Ittra lill-Galatin. Waħda għall-Ittra lir-Rumani, waħda għall-Ewwel Ittra lill-Korintin u oħra għall-Ewwel Ittra lit-Tessalonkin. Nerġgħu nsegwu dawn ir-referenzi li jgħinuna nerġgħu ntennu xi ideat importanti tal-Enċiklika fuq id-Dawl tal-Fidi.

## Il-fidi u l-ġid komuni

L-ewwel referenza biblika tinsab fit-titlu, "Alla jħejji belt għalihom" (Lhud 11: 16). F'dan il-kapitlu fil-fatt terz mir-referenzi bibliċi huma meħuda mill-Kapitlu 11 tal-Ittra lil-Lhud, waħda minnhom mill-Kapitlu 12 li hija l-konklużjoni tad-diskors twil u sabiħ tal-Kapitlu 11. Diġà kellna okkażjoni nitkellmu fuq il-Kapitlu 11 tal-Ittra lil-Lhud: l-awtur sagru jitkellem mill-qawwa u l-glorja tal-fidi tal-ewwel patrijarki u ta' Mosè u ta' wlied Israel. Il-vers li l-Papa juża għal dan it-titlu tal-Kapitlu tal-Enċiklika jinterpretah biex iseddaq id-diskors tiegħu li l-fidi



hija mhix biss mixja imma għodda indispensabbli għat-tħejjija tal-post vitali li fih il-bniedem jista' jgħammar flimkien mal-oħrajn. Kif għamel Noè u Abraham: "Kien minħabba l-fidi tiegħu li Noè, mgħarraf minn Alla dwar ħwejjeġ li kienu għadhom ma jidhrux, mimli b'biża' qaddis bena arka biex isalva l-familja tiegħu; u b'dik il-fidi kkundanna d-dinja u sar werriet tal-ġustizzja li tinkiseb bis-saħħa tal-fidi" (11: 7); "Kienet il-fidi li ġagħlitu jgħammar f'art imwiegħda, qisu barrani f'art barranija, u jgħix taħt it-tined flimkien ma' Iżakk u Ġakobb, li kienu werrieta miegħu tal-istess wegħda; għax hu kien iħares 'il quddiem, lejn il-belt mibnija fis-sod, li l-imgħallem u l-bennej tagħha huwa Alla" (11: 9-10). Alla jista' jagħti dan kollu għax huwa affidabbli. U hawnhekk il-Papa jerġa' jfakkar lil Isaija (65: 16), li jsejjaħ lil Alla bħala Alla l-fidil, kif diġà kellna l-okkażjoni li naraw.

Il-Papa jagħmel referenza għall-Ittra lill-Galatin, "Għaliex fi Kristu Ġesù, biċ-ċirkonċizjoni jew mingħajrha, xejn ma jkun jiswa ħlief biss il-fidi li taħdem permezz tal-imħabba" (5: 6) biex, bħal Pawlu li juri s-safa tal-fidi

lill-Galatin, jinsisti li l-fidi hija marbuta mal-imħabba, u bis-saħħa ta' dan tista' ddawwal u tqanqal il-bini tas-soċjetà bil-ħidma sfiqa favur l-għaqda. "Sewwasew bis-saħħa tar-rabta mal-imħabba, id-dawl tal-fidi jidħol fil-qadi konkret tal-ġustizzja, tad-dritt u tal-paċi" (51). Jagħmel referenza għall-Ittra lil-Lhud li ssemmi lill-Profeta Samwel u s-Sultan David, li lilhom il-fidi ħalliethom "jagħmlu l-ġustizzja" (11: 33). F'dan il-kuntest il-Papa jagħmel żewġ referenzi għall-Kotba ta' Samwel. Il-Profeta, wara li jaħtar sultan għal Israel, jistqarr: "Hawn jien: ixhdu għalija quddiem il-Mulej u s-sultan il-midluk tiegħu. Lil min jien qatt ħadt xi gendus, u l-ħmar ta' min qatt ħadt? Lil min qatt sraqt? Lil min qatt ħraqt? Mingħand min qatt ħadt jien xi rigal biex għamieli għajnejja? Ixhdu għalija, u jien irroddhulkom. U huma wieġbu: Int qatt ma sraqtna, u qatt ma ħqartna, u qatt ma ħadt xejn minn għandna. U hu qalilhom: Jixhed il-Mulej għalikom, li ma sibtu xejn f'idejja minn ħwejjiġkom. U wieġbu: Huwa xhud!" (1 Sam 12: 3-5). L-awtur sagru hekk ukoll jikkumenta fuq is-saltna ta' David: "U David kien isaltan fuq Israel kollu, u kien jagħmel il-ħaqq u l-ġustizzja mal-poplu kollu tiegħu" (2 Sam 8: 15).

## Il-fidi u l-familja

Meta l-Papa jitkellem dwar il-fidi u l-familja jistqarr li "l-ewwel ambjent li fih il-fidi ddawwal il-belt tal-bnedmin jinsab fil-familja" (52). Jagħmel referenza għall-Ittra lil-Lhud li fil-kuntest tal-wegħdiet magħmula lil Abraham, il-barka tgħaddi mill-ġenituri għall-ulied: "Kien ukoll permezz tal-fidi li Iżakk bierek 'il Ġakobb u lil Għesaw dwar dawk il-ħwejjeġ li kellhom jiġu. Permezz tal-fidi Ġakobb, huwa u jmut, bierek lil kull wieħed minn ulied Ġużeppi u ta qima lil Alla, waqt li tbaxxa fuq tarf il-bastun li kellu. Permezz tal-fidi Ġużeppi, fl-aħħar ta' ħajtu, tkellem fuq il-ħruġ tal-Israelin mill-Eġittu u qalilhom x'kellhom jagħmlu b'għadmu" (11: 20-22). Il-familja hija magħmula minn raġel u mara, fl-għaqda stabbli taż-żwieġ, li jistgħu jingħaqdu f'ġisem wieħed. Hija kważi ovvja li l-Papa jagħmel referenza għall-Ġenesi 2: 24, vers li anke Ġesù jużа fil-Vanġeli meta mistoqsi fuq id-divorzju: "Għalhekk ir-raġel iħalli lil missieru u lil ommu u jingħaqad ma' martu u jsiru ġisem wieħed". Il-Papa jżid kelma sabiħa fuq it-tnissil



tal-ulied imdawwal mill-fidi u jerġa' jagħmel referenza għall-Ittra lil- Lhud. "Il-fidi mbagħad tgħinna nilqgħu fil-profondità u l-għana kollu tiegħu t-tnissil tal-ulied, għax tagħraf fih l-imħabba ħallieqa li tingħatalna u tħallielna f'idejna l-misteru ta' bniedem ġdid. Kien hekk li Sara, bil-fidi tagħha, saret omm, għax qagħdet fuq il-fedeltà ta' Alla lejn il-wegħda tiegħu" (52). "Kienet ukoll il-fidi li biha Sarah, mara mdaħħla fiż-żmien, setgħet titqal, għax hija għarfet li ta' kelmtu kien dak li għamlilha l-wegħda" (11: 11).

## Dawl għall-ħajja fis-soċjetà

Fin-numru 54 il-Papa jistqarr: "Filwaqt li l-fidi hija assimilata u approfondita fil-familja, hi ssir dawl biex iddawwal ir-relazzjonijiet soċjali kollha. Bħala esperjenza tal-paternità ta' Alla u tal-ħniena ta' Alla hija mbagħad titwessa' f'mixja fraterna. Anke l-istorja biblika hija storja ta' fraternità. Ir-referenza biblika li sseddaq din il-kelma hija mill-Ktieb tal-Ġenesi 12: 1-3 fejn Alla jsejjaħ lil Abraham biex joħroġ minn artu u jwiegħdu li jagħmel minnu ġens kbir wieħed, poplu kbir li fuqu tistrieħ il-barka ta' Alla: "U l-Mulej qal lil Abram: Qum u itlaq minn artek, minn art twelidek, u minn dar missierek, lejn l-art li jien nurik. U jien nagħmlek ġens kbir, inbierkek u nkabbarlek ismek, u int tkun barka. Jien inbierek lil min ibierkek, u nisħet lil min jisħtek". "Fil-mixja tal-istorja tas-salvazzjoni, il-bniedem jiskopri li Alla jrid li kulħadd jieħu sehem, bħala aħwa, fil-barka waħdanija, li ssib il-milja tagħha f'Ġesù, biex ilkoll isiru ħaġa waħda".

Il-Papa jgħid li "jekk inneħħu l-fidi f'Alla mill-ibliet tagħna, il-fiduċja bejnietna tonqos…sa nkunu aħna li ma nistqarruhx bħala Alla fil-ħajja pubblika tagħna?" Jagħmel referenza oħra għall-Ittra lil-Lhud biex juri li dak Alla li ma jistmellx jissejjaħ Alla tagħna għandu jkun magħruf u mistqarr pubblikament, għall-ġid tal-bnedmin kollha: "Huwa għalhekk li Alla ma jistmellx jissejjaħ Alla tagħhom, għax hu ħejja belt għalihom" (11: 16).

## Qawwa li tfarraġ fit-tbatija

Huwa l-Papa stess li jagħtina l-kuntest tal-ewwel referenza biblika ta' din is-sezzjoni fuq il-fidi li tqawwina u tfarraġna fit-tbatija: "San Pawl huwa u jikteb lill-Insara ta' Korintu dwar it-tribulazzjonijiet u t-tbatijiet tiegħu, jorbot flimkien il-fidi tiegħu mal-predikazzjoni tal-Vanġelu. Jgħid li fih isseħħ is-silta tal-Iskrittura: "Emmint u għalhekk tkellimt (2 Kor 4: 13). L-Appostlu jalludi għall-espressjoni tas-Salm 116, li fih is-Salmista jgħid: "Bqajt nemmen imqar meta għidt: 'Jiena mdejjaq ħafna'" (116: 10)" (56). Il-fidi ddawwal is-siegħa tat-tiġrib u tat-tbatija: fiha Alla juri l-qawwa tiegħu. Il-Papa jikkonferma dan billi jerġa' jagħmel żewġ referenzi għat-Tieni Ittra lill-Korintin, li fiha Pawlu jitkellem mill-ministeru appostoliku tiegħu, ministeru spiss imsieħeb bit-tbatija u t-tiġrib. "Dan it-teżor qiegħed

għandna f'ġarar tal-fuħħar, ħalli b'hekk tidher sewwa li l-kobor ta' din il-qawwa ġejja minn Alla, u mhux minna. Aħna minn kullimkien ninsabu magħfusin, iżda m'aħniex mgħattnin; imħassbin, iżda ma għandniex qalbna maqtugħa; ippersegwitati, iżda m'aħniex abbandunati; mixħutin mal-art, iżda m'aħniex meqrudin. F'ġisimna dejjem inġorru l-mewt ta' Ġesù, biex f'ġisimna tidher ukoll il-ħajja ta' Ġesù. Għax aħna, għad li qegħdin ngħixu, ninsabu dejjem mogħtija għall-mewt minħabba f'Ġesù biex il-ħajja ta' Ġesù wkoll tkun tidher fil-ġisem tagħna li jmut. U b'hekk fina taħdem il-mewt, imma fikom taħdem il-ħajja" (4: 7-12); "Għax aħna 'l Mulej Ġesù qegħdin inxandru u mhux lilna nfusna…" (4: 5).

Il-Papa jerġa' jagħmel referenza għall-Ittra lil-Lhud li titkellem minn dawk li batew għall-fidi, fosthom Mosè, li ħa fuqu t-tmaqdir ta' Kristu: "…Oħrajn ħaqruhom għall-mewt, għax irruftaw il-ħelsien biex jiksbu qawmien aħjar. Oħrajn sofrew żebliħ u swat u saħansitra ktajjen u ħabs. Kienu mħaġġra, imħanxra minn nofshom, maqtula bis-sejf; ħarġu jiġġerrew imlibbsin bi ġlud tan-nagħaġ u tal-mogħoż, neqsin minn kollox, imħabbtin u maħqurin. Id-dinja ma kienx jixirqilha jkollha nies bħal dawn. Huma qagħdu jiġġerrew fid-deżert u fuq l-għoljiet, fl-għerien u fl-irkejjen tal-art" (11: 35-38); "Mosè…għażel li jkun imkasbar flimkien mal-poplu ta' Alla…deherlu li t-tmaqdir ta' Kristu huwa għana akbar mit-teżori tal-Eġittu, għax ħares 'il quddiem lejn il-ħlas" (11: 26).

Anke fl-esperjenza tal-mewt, in-Nisrani jitgħallem jieħu sehem fil-ħarsa nfisha ta' Ġesù. Il-Papa jagħmel referenza għall-Passjoni fil-Vanġelu ta' San Mark: "U fid-disa' siegħa Ġesù għajjat b'leħen qawwi: 'Eloi, Eloi, lema sabaqtani!', li jfisser: 'Alla tiegħi, Alla tiegħi, għaliex tlaqtni!'"



(15: 34). Bil-fidi, bil-ħarsa ta' Ġesù, "il-mewt tingħex bħala l-aħħar sejħa tal-fidi, l-aħħar "Qum u itlaq minn artek" (Ġen 12: 1), l-aħħar "Ejja!" li jlissen il-Missier, li lilu ningħataw bil-fiduċja li hu jqawwina anki fil-pass definittiv tal-aħħar" (56).

Il-Papa jfakkarna li "id-dawl tal-fidi ma jnessiniex it-tbatijiet tad-dinja" u "lill-bniedem li jbati, Alla ma jagħtihx raġunament li jfisser kollox, iżda jagħti t-tweġiba tiegħu f'għamla ta' preżenza li ssieħeb…fi Kristu, Alla nnifsu ried jaqsam magħna din it-triq u joffrilna ħarstu biex fiha naraw id-dawl" (57). Ir-raġunament huwa mdawwal b'referenza għal-Lhud 12: 2, li jista' jitqies bħala konsegwenza tad-diskors kollu fuq il-qawwa u l-glorja tal-fidi fil-kapitlu 11: "Inżommu għajnejna lejn Ġesù, li minnu tibda u fih tintemm il-fidi tagħna; hu li, flok l-hena li kellu quddiemu, qagħad għas-salib bla xejn ma qies l-għajb tiegħu, u issa qiegħed fuq in-naħa tal-lemin tat-tron ta' Alla".

Il-Papa jagħlaq billi jgħid li l-fidi tissieħeb mat-tama, għax, fid-dawl tal-fidi fi Kristu Rxoxt, anki jekk l-għamara tagħna hawn isfel tinsab riesqa lejn it-tmiem, hemm għamara eterna li Alla diġà ħejja fi Kristu, f'ġismu. Jagħmel referenza għall-kliem ta' tħeġġiġ li Pawlu jikteb fit-Tieni Korintin: "Għalhekk ma naqtgħux qalbna, għax imqar jekk il-bniedem ta' barra jitħassar, il-bniedem ta' ġewwa jiġġedded minn jum għal jum. Id-daqsxejn ta' tbatija tagħna ta' issa tħejjilna kobor ta' glorja bla qies għal dejjem; lilna li ma nħarsux lejn il-ħwejjeġ li jidhru, iżda lejn dawk li ma jidhrux. Dawk li jidhru huma għal żmien qasir, dawk li ma jidhrux huma għal dejjem. Aħna nafu li jekk din it-tinda tal-għamara tagħna fl-art tiġġarraf,



aħna għandna dar oħra, maħduma mhux bl-idejn, imma xogħol ta' Alla, għal dejjem fis-sema. Aħna f'din nitniehdu, imxennqa li nilbsu fuq din l-għamara tal-ġisem l-għamara l-oħra tas-sema. Għax jekk nilbsu din ma ninstabux għarwenin. Aħna li qegħdin f'din it-tinda, nitniehdu, imgħobbija kif aħna; għalhekk ma rridux ninżgħu, iżda nilbsu oħra minn fuq biex il-ġisem li jmut jinxtorob mill-ħajja. Alla stess sawwarna għal dan, hu li tana r-rahan tal-Ispirtu" (4: 16 – 5: 5).

Il-Papa jisħaq fuq id-dinamiżmu tal-fidi, tama u mħabba. Jagħmel referenza għall-Ewwel Ittra lit-Tessalonikin 1: 3, fejn Pawlu u Silvanu u Timotju jfaħħru l-fidi u l-eżempju tat-Tessalonikin: "Niftakru fil-ħidma li hi ġejja mill-fidi tagħkom u fit-taħbit li ħiereġ minn imħabbitkom; niftakru fil-qawwa tat-tama tagħkom f'Sidna Ġesù Kristu quddiem Alla Missierna". Jagħmel referenza wkoll għall-għeluq tal-innu lill-imħabba fl-Ewwel Ittra lill-Korintin: "Issa hawn fidi, tama u mħabba, it-tlieta jibqgħu. Il-kbira fosthom l-imħabba" (13: 13). Dan id-dinamiżmu "iġagħalna nħaddnu l-inkwiet tal-bnedmin kollha, fil-mixja lejn dik il-belt, "li l-imgħallem u l-bennej tagħha huwa Alla" (Lhud 11: 10), għax "it-tama ma tqarraqx bina" (Rum 5: 5)" (57).

## Ħienja dik li emmnet

Diġà rajna kif l-aħħar tliet paragrafi konklużivi huma ddedikati lil Marija. It-titlu tal-konklużjoni huma fil-fatt il-kliem ta' tifħir li Eliżabetta tagħmel lil Marija fil-Viżitazzjoni, fil-Vanġelu tat-Tfulija ta' San Luqa: "Hienja dik li emmnet" (1: 45). Il-Papa jippreżenta lil Marija bħala l-mara li laqgħet bis-sħiħ il-kelma ta' Alla, skont il-parabbola taż-



żerriegħa f'San Luqa: "Huma dawk li jisimgħu l-kelma b'qalb tajba u sinċiera, jgħożżuha u jagħmlu l-frott billi jżommu sħiħ" (8: 15).

Il-Papa jagħmel hawnhekk referenzi għall-Vanġelu ta' San Ġwann: "Il-maternità vera ta' Marija assigurat għall-Iben ta' Alla storja umana vera, ġisem veru li fih hu jmut fuq is-salib u jqum mill-imwiet. Marija ssieħbu sas-salib": "Kien hemm wieqfa ħdejn is-salib ta' Ġesù ommu" (19: 25); hawnhekk "il-maternità tagħha tixtered fuq kull dixxiplu ta' Binha": "Mela kif Ġesù lemaħ lil ommu u lid-dixxiplu li kien iħobb wieqaf ħdejha, qal lil ommu: Mara, hawn hu ibnek. Imbagħad qal lid-dixxiplu: Hawn hi ommok. U minn dak il-ħin id-dixxiplu ħadha għandu" (19: 26-27). Il-Papa, b'referenza mill-Atti tal-Appostli, ifakkar li hi kienet anke preżenti fiċ-Ċenaklu, nhar Għid il-Ħamsin: "U lkoll qalb waħda kienu jitolbu flimkien ma' xi nisa u ma' Marija, omm Ġesù, u ma' ħutu" (1: 14). "Il-ħajja ta' mħabba bejn il-Missier u l-Iben fl-Ispirtu s-Santu minsuġa mal-istorja tagħna; Kristu jiġbidna lejh biex isalvana" - "U meta nintrefa' 'l fuq mill-art, jiena niġbed il-bnedmin kollha lejja" (Ġw 12: 32).

U l-aħħar kelma tal-Papa, qabel it-talba konklużiva lil Marija, tagħmel referenza għall-Ittra lil Galatin, fejn Pawlu juri l-ħidma tal-Ispirtu fina li emminna: "Fiċ-ċentru tal-fidi tinsab l-istqarrija ta' Ġesù, l-Iben ta' Alla, imwieled minn mara, li bid-don tal-Ispirtu s-Santu, jagħmilna wlied adottivi" - "Iżda meta waslet il-milja taż-żmien, Alla bagħat lil Ibnu, imwieled minn mara, imwieled taħt il-Liġi, biex jifdi lil dawk li kienu taħt il-Liġi, biex ikollna l-adozzjoni ta' wlied. U għax intom ulied, Alla bagħat l-Ispirtu ta' Ibnu f'qalbna, jgħajjat: Abba! Missier!" (4: 4-6).

## L-aħħar kelma

L-aħħar kelma hija kelma ta' statistika biex turi kemm din l-Enċiklika *Lumen Fidei*, hija msejsa fuq l-Iskrittura. Il-Papa jagħmel mija u dsatax-il referenza biblika.

Il-Papa jirreferi għall-Antik Testment wieħed u għoxrin darba: Ġenesi (7), Isaija (4), Dewteronomju (3), Eżodu (2), 1 Samwel (1), 2 Samwel (2), Salmi (2) u Għanja tal-Għanjiet (1).

Il-Papa jirreferi għall-Ġdid Testment tmienja u disgħin darba: San Ġwann (25), Rumani (21), Lhud (16), 2 Korintin (8), 1 Korintin (5), San Luqa (4), Efesin (4), San Mattew (2), Atti tal-Appostli (2), San Mark (1), 1 Tessalonikin (1), 1 Ġwanni (1), 1 Timotju (1) u Apokalissi (1).



# KHAN AL-AHMAR IL-MONASTERU TA' SANT'EWTIMJU

*Pietro Kaswalder*

Il-Ħadd 7 ta' Mejju 2000 saret l-inawgurazzjoni solenni tas-sit arkeoloġiku ta' Khan al-Ahmar, li jiġi identifikat mal-monasteru antik ta' Sant'Ewtimju l-Kbir. L-awtoritajiet akkademiċi kienu preżenti, flimkien mal-awtoritajiet reliġjużi u r-rappreżentanti tal-Knejjes lokali.

Il-monasteru ta' Sant'Ewtimju, li jinsab fiċ-ċentru tal-installazzjoni industrijali tal-insedjament ta' Mishor Adumim, hu issa miftuħ għall-pubbliku.

Ir-rovini ta' Khan al-Ahmar jinsabu 14-il kilometru bogħod minn Ġerusalemm u 3 kilometri bogħod mill-monasteru tal-Martyrius (Khirbet Murassas). Ewtimju kien ġej oriġinarjament minn Mélitène, fil-Ġorġja Minuri, l-Armenja tal-lum. Hu mar għall-ewwel joqgħod fil-lawra (monasteru ta' ċelel fil-blat) ta' Għajn Fara, fis-snin 405-410. Minn hemm għadda għall-monasteru ta' Wadi Mukellik, fejn kien jgħix il-ħabib tiegħu Théoctiste. Għamel xi żmien jgħix ukoll f'Hyrcania (Khirbet el-Mird) u għadda xi snin fid-deżert ta' Żif (li jissemma f'1 Samwel 23,14), fejn hu waqqaf il-monasteru ta' Kfar Baricha (Aristobulos, Khirbet Istabul).

Fl-aħħar nett Ewtimju ġie fil-witat tas-Sahel u waqqaf il-lawra li ġġib l-isem ta' Khan al-Ahmar (jiġifieri il-Khan l-Aħmar). L-ewwel parti tal-kumpless monastiku hi magħmula minn knisja, ġiebja u xi ftit ċelel. L-ewwel knisja ġiet ikkonsagrata mill-Patrijarka ta' Ġerusalemm Govenale fis-7 ta' Mejju 429.

Lejn tmiem il-ħajja twila tiegħu, Ewtimju talab lid-djaknu Fido biex jittrasforma dik il-lawra f'monasteru. Ix-xogħol tat-tkabbir tal-kumpless monastiku sar wara



l-mewt ta' dan il-qaddis. Xi għerien li kien hemm ġew trasformati f'kappelli funerarji, u l-kripta tal-knisja tkabbret. Fis-sena 482 il-Patrijarka Martyrius ikkonsagra l-knisja nhar is-7 ta' Mejju, data anniversarja tal-mewt ta' Sant'Ewtimju.

Drawwa proprja ta' Ewtimju kienet dik li jiġbor flimkien l-irħieb kollha li kienu jgħixu fil-lawra biex jgħixu r-Randan fil-komunità. Kollha kienu jirtiraw fil-wita ta' Buqeia, xi tliet sigħat mixi lejn il-lvant, mill-festa tal-Epifanija sa Ħadd il-Palm. Dan kien ikun il-perjodu tax-xita, u għaldaqstant l-irħieb kienu jsibu xi ħaxix morr biex jitrejqu bih.

Kienu bosta l-irħieb li għexu fil-lawra ta' Ewtimju matul is-sekli. Fis-sena 456 iż-żagħżugħ Martyrius mar jgħix f'Khan al-Ahmar. Qrib din l-esperjenza monastika tiegħu hu waqqaf ukoll il-lawra ta' Ma'ale Adummim, qabel ma sar patrijarka ta' Ġerusalemm. L-istoriku tal-Knisja antika Cirillu ta' Scythopolis





għex għal sentejn f'Khan al-Ahmar. Hu kiteb il-*Ħajja ta' Sant'Ewtimju* fis-sena 557. San Ġwann Damaxxenu (730-740) u San Teodoru Studita (817) kienu jikkorrispondu mal-irħieb tal-monasteru matul il-kriżi ikonoklasta, kif ukoll rigward problemi teoloġiċi. L-istorja tal-monasteru ta' Ewtimju kompliet sa żmien il-pellegrini tal-epika Kruċjata, u jissemma bħala pellegrin l-abbati Russu Danjel u r-raħeb Grieg Ġwanni Phocas. Is-sit ġie abbandunat mill-irħieb fis-sena 1250 u mbagħad beda jiġi utilizzat bħala "Khan" (post fejn jieqfu l-karovani) għall-Għarab li kienu jmorru lejn Nabi Mousa.

Is-sit ta' Khan al-Ahmar ġie skavat fi tliet perjodi ta' kampanji arkeoloġiċi: D.J. Chitty (1928-1929), Y.E. Meimaris (1976-1979) u Y. Hirschfeld (1987). Il-kumpless jifforma rettangolu irregolari ta' 55m x 65m. Minn barra, fuq ix-xaqliba tal-lvant, wieħed isib ġiebja kbira (12m x 18m), li kienet tilqa' fiha l-ilma tax-xita għall-bżonnijiet mhux biss tal-irħieb imma wkoll tal-bedwini u tal-vjaġġaturi li kienu jgħaddu minn hemm fi triqithom lejn Ġeriko. Lejn in-nofsinhar tal-monasteru l-komunità monastika kienet tikkultiva ġonna tal-ħxejjex għall-għajxien tal-irħieb. Il-monasteru ġie mibni diversi drabi: wara l-qerda tal-Persjani fis-sena 614, wara t-terremot tas-sena 659, u fl-aħħar nett fl-epoka Kruċjata. Il-mużajċi li nstabu jmorru lura għas-sekli 7-8.

Il-kripta funerarja ta' Sant'Ewtimju tinsab fiċ-ċentru tal-monasteru, u tmiss mal-knisja kbira fuq ix-xaqliba tan-nofsinhar. Il-kripta, li hi l-aktar parti antika tal-monasteru, tmur lura għall-epoka Biżantina u hi kbira 4,7m x 5,8m. Instabet minn D.J. Chitty fl-1928. Fiha hemm il-qabar ta' Sant'Ewtimju, u ġew midfunin hemmhekk ukoll sitt abbati suċċessuri tiegħu, minn Domizjanu sa Passarion. F'epoka Kruċjata ġiet mibnija kappella ta' 8m kwadri fuq il-qabar

tal-qaddis. Il-knisja (13,8m x 25,4m) għandha ħajt li hu miksi b'mużajċi u irħam polikromu. In-navata tan-nofsinhar biss baqgħet prattikament intatta, filwaqt li dik tat-tramuntana ma għadhiex teżisti. Id-dekorazzjonijiet fil-mużajċi huma varji: motivi ġeometriċi, fjuri, annimali, eċċ.

Il-paviment tal-irħam tan-navata jmur lura għall-epoka Kruċjata (12 seklu). Madwar il-knisja jinsabu diversi ċelel monastiċi, kif ukoll ir-refettorju. Fiż-żona tal-knisja nstabu wkoll fdalijiet ta' ċeramika Biżantina u Għarbija. Dawn is-sejbiet jixhdu li l-knisja u l-mużajċi tagħha kienu saru qabel it-terremot tas-sena 659. Xi elementi mill-knisja jmorru lura għall-epoka Kruċjata.

Kamra oħra funerarja (2,4m x 8,5m) nstabet minn Y. Meimaris lejn il-lvant tal-qabar ta' Ewtimju. Fil-bitħa tat-tramuntana tinsab id-daħla tal-monasteru, ta' epoka Kruċjata, li hi mibnija minn parti mill-ħajt l-antik u fiha forma ta' torri ta' gwardja. Hemm ukoll xi ċisterni aktar żgħar madwar il-monasteru.

Sant'Ewtimju kellu l-idea li jieħu kura tat-tribujiet nomadi li kienu jgħixu fid-deżert tal-Lhudija. Hekk hu ħoloq "id-djoċesi tat-tined". Cirillu ta' Scythopolis jikteb li xi 40 Sarraċin immexxija minn Aspebeto kienu ħarbu mill-persekuzzjoni tal-Persjani. It-tifel tiegħu, li kien jismu Terebone, ġie mfejjaq minn Sant'Ewtimju, u hekk il-familja kollha tat-tribù tas-Saraċini kkonvertew u rċevew il-magħmudija. Aspebeto bidel ismu f'dak ta' Pietru. Hu ġie kkonsagrat isqof u ħa sehem fil-Konċilju ta' Efesu tas-sena 431. Maris, li wkoll kien membru tal-familja ta' Aspebeto, kien l-abbati suċċessur ta' Ewtimju fil-monasteru ta' Khan al-Ahmar. Il-monasteri li nibtu minn dan in-nukleu u li kienu ċentri għall-bedwini Kristjani kienu dawk ta' Għajn Fara, Khirbet Murassas, Khirbet al-Mird, ir-reġjun ta' Ġeriko, Dejr Dosi u San Saba.





# Fl-Art Imqaddsa mal-Franġiskani

## Pellegrinaġġi 2014

## Art Imqaddsa u Ġordanja
## 3-13 Novembru

**Ikteb jew ċempel:**
**Kummissarjat tal-Art Imqaddsa**
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1213
Malta
Tel: 2124 2254
E-mail: comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt